# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 527/2014**

Il-Pulizija

vs

**Stephen Delicata**

**David Agius**

Illum 08 ta' Jannar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Stephen Delicata numru tal-karta ta'l-identita' 287767M u David Agius numru tal-karta ta'l-identita' 498149M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzati talli fix-xahar ta' Ottubru 2014 u fix-xhur ta' qabel gewwa l-kumpless Daniel's sitwat fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, Malta:

1.) bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, irrifjutaw li jippermettu lil Angelo Paolini jiehu oggetti li jinsabu fl-istabbiliment u li whud minnhom jappartjenu lilu personalment filwaqt li l-maggoranza jappartjenu lil Angelo Paolini Ltd u Oggi Cafe' Hamrun Ltd mill-kumpless Daniel's Kap.9 Sec 85(1).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Dicembru 2014 fejn il-Qorti

wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u kkundannathom multa ta' mitejn ewro (€200) kull wiehed. Il-Qorti inoltre ordnat lill-imputati a tenur tal-artikolu 377(3) tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex fi zmien xahar jikkonformaw ruhhom mal-ligi u dan taht penali ta' €10 kull jum li fih ikompli n-nuqqas. Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghal hlas ta' esperti billi f'dan il-kaz ma rrizultax li nhatru xi esperti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Stephen Delicata u David Agius minnhom pprezentat fit-22 ta' Dicembru 2014 fejn talbu lil din il-Qorti tirevoka, thassar, tvarja u tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali billi tillibera lill-appellanti mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom.

Rat l-aggravji tal-appellanti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-aggravvji minnhom intentati l-appellanti jishqu illi huma gew mixlija erronjament fil-kwalita' taghhom personali bir-reat ta'l hekk imsejjah *raggion fattasi* u dan meta kien

jirrizulta mill-provi illi huma kienu jidhru ghan-nom tas-socjeta DA Holdings Ltd. bhala azzjonisti u diretturi tal-imsemmija socjeta u allura kellhom jigu mharrka fil-kwalita' rappresentativa taghhom. Illi inoltre l-oggetti li dwarhom l-parti leza jallega illi nzammew abbuzivament minnhom, ma jappartjenux unikament lilu, izda ukoll lis-socjeta Angelo Paolini Ltd u ditta ohra taljana li ukoll ghadha trid tircevi l-hlas ghal dawn l-oggetti mibjugha lill-istess Paolini, liema oggetti lanqas jigu ndikati minnu. Finalment jinvokaw il-privilegg *super invectis et illatis* mnissel mill-principju tal-*ius retentionis* billi jallegaw illi dawn l-oggetti gew minnhom mizmuma u dan ghaliex l-parti leza ghad fadallu pendenzi ta' arretrati ta' kera x'jithallsu.

Illi minn ezami tal-atti probatorji jirrizulta illi l-parti leza flimkien ma' socju iehor tieghu certu Marc Roudi kienu jikru ambjenti gewwa Daniel's Shopping Complex minn ghand l-appellanti jew ahjar minn ghand is-socjeta minnhom rapprezentata DH Holdings Ltd. Illi dawn l-ambjenti, fost affarijiet ohra, kienu jintuzaw sabiex jigi gestit negozju ta' *cafeteria* fejn il-parti leza Paolini u s-socju tieghu kienu xtraw xi apparat sabiex jintuza f'dan in-negozju. Gara izda li n-negozju ma bediex miexi tajjeb tant illi gew akkumulati arretrati sostanzjali fil-hlas tal-kera oltre kontijiet tad-dawl u ilma li baqghu ma thallsux. Il-kirja giet terminata izda l-parti leza jallega illi l-apparat mixtri ghal gestjoni ta' dan in-negozju ma giex ritornat lilu meta ghalqet il-*cafeteria* u dan ghaliex l-appellanti deherilhom illi dawn kellhom jibqghu minnhom mizmuma sakemm id-dejn kollu akkumulat mill-parti leza jigi saldat. Dan id-dejn ghadu sal-lum pendenti mill-parti leza Paolini, ghalkemm Roudi hallas is-sehem minnu dovut.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet rassenja metikoluza u guridikament valida tal-elementi legali li isawwru r-reat ta' 'l hekk imsejjah ragion fattasi u kwindi a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti qed taghmel taghha dina l-esposizzjoni erudita.

Jinghad biss illi anke is-semplici detenzjoni jew dritt ta' tgawdija jew uzu huwa bizzejjed sabiex jissussisti r-reat u dan meta bl-att materjali l-parti leza tigi imcahhda milli tkompli b'dan l-użu jew din it-tgawdija. Infatti skond il-każ fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Bongailas[1], il-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

> **L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.**
>
> **Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**

Issa huwa indubitat illi l-oggetti mobbli mertu ta' din l-azzjoni penali kienu fil-pussess u uzu tal-appellanti u tas-socju tieghu, liema apparat jew attrezzatura kienet essenzjali ghalih u dan sabiex jigi gestit in-negozju ta' *catering Oggi Cafe*' gewwa d-Daniel's Shopping Complex. Illi l-Qorti ghalhekk ma ghandhiex ghalfejn tistharreg iktar minn hekk u ma ghandhiex ghalfejn ghalhekk tidhol biex tistharreg xi titolu ta' proprjeta ta' dawn l-oggetti, jekk dawn jappartjenux lilu jew lil Roudi jew lis-socjeta minnhom gestita, jew inkella jekk l-parti leza hallasx ghall-akkwist ta'l-istess lil kredituri tieghu. Kwindi l-ilment imqanqal mill-appellanti dwar l-istess hija irrilevanti ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza billi hwua indubitat, jerga jinghad, illi l-oggetti mobbli kienu jintuzaw mill-parti leza u kienu fil-pussess u uzu tieghu.

Illi il-Pulizija vs John Vassallo[2], il-Qorti qieset illi:

---

[11] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

[2] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.

**'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'**

Dan ghaliex[3]:

**'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat- tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l- pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'.**

Illi allura l-azzjoni penali li titwieled bl-att spoljattiv issanzjonat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ghandha hajja indipendenti minn kwalunkwe azzjoni civili ezistenti bejn il-partijiet u allura kwalunkwe azzjoni petitorja u/jew rivendikatorja jew possessorja li xi wiehed mill-partijiet ikollu jedd ghaliha. Dan ghaliex:

**Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili - izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.[4]**

---

[3] Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

[4] Pulizija vs Anthony Micallef deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2004 mill-Imħallef Vincent Degaetano.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti madanakollu jikkontendu illi l-agir taghhom ma kienx jikkostitwixxi xi usurpazzjoni tal-jeddijiet mhollija f'idejn l-awtorita' pubblika billi dan il-jedd huwa moghti lilhom bil-ligi u dan permezz tal-principju stabbilit fl-artikolu 2009(e) tal-Kodici Civili u cioe' il-jedd tal'hekk imsejjah *ius retentionis* u dan meta hemm dispost:

**Il-krediti privileggjati fuq hwejjeg mobbli partikolari huma:-**

**(e) il-kreditu tal-padrun dirett għaċ-ċens, u dak ta' sid il-kera għall-kera ta' immobbli, fuq il-frottijiet, u fuq il-valur ta' dak kollu li jservi biex igħammar jew iforni l-fond jew biex tinħadem l-art, ikunu ta' min ikunu dawk il-frottijiet jew ħwejjeġ oħra:**

**Iżda illi dan il-privileġġ ma jingħatax lis-sid jew lil sid il-kera jekk l-imsemmijin uċuh jew ħwejjeġ ikunu ta' jew miżmumin minn jew f'isem xi dipartiment tal-Gvern ta' Malta meta dak id-dejn ma jkunx ta' dak id-dipartiment.**

**Dan il-privileġġ igħodd ukoll għall-indennizz li għandu jingħata lill-padrun dirett jew lil sid il-kera, għat-tiswijiet li ċ-ċenswalist jew il-kerrej ikun naqas li jagħmel, u għan-nuqqas tal-esekuzzjoni ta' kull patt ieħor tal-kuntratt.**

**Il-padrun dirett u sid il-kera jistgħu b'mandat jaqbdu jew jissekwestraw il-ħwejjeġ mobbli li bihom kien imgħammar jew fornut il-fond, jew li servew biex bihom tinħadem l-art, meta jkunu ġew meħuda band'oħra mingħajr il-kunsens tagħhom, u huma jżommu l-privileġġ tagħhom fuq dawn il-ħwejjeg mobbli, basta li jagħmlu t-talba għall-ħruġ tal-mandat fi żmien ħmistax-il ġurnata minn dak in-nhar li dawk il-ħwejjeġ ikunu ġew hekk meħuda band'oħra.**

Id-dritt ta' *jus retentionis* huwa meqjus bħala istitut ta' għamla eċċezzjonali li jorbot biss fejn il-liġi espressament tistabbilih. Dan għaliex id-dritt taż-żamma huwa meqjus bħala ***"una forma di autotutela e di legittima difesa... consentito soltanto nei casi espressamente previsti, in cui il legislatore ha ritenuto, perche' ragioni speciali***

***giustificavano la tutela del creditore, di derogare al principio che l'ordinamento giuridico non permette ai singoli di farsi giustizia da se[5]'"***

Illi dan ifisser illi dan il-jedd li qed jigi invokat mill-appellanti huwa wiehed ta' natura eccezzjonali li sahansitra jistabbilixxi deroga ghall-principju stabbilit fl-ordinament guridiku taghna li ma jippermettiex lil privat jiehu l-ligi b'idejh, jedd li huwa mhares kemm fid-dritt civili kif ukoll penali. Issa ghalkemm ma jistax ikun hemm dubbju li l-privilegg tal-lokatur "*superinvectis et illatis*" jikkompeti fuq hwejjeg li jkunu jservu biex ighammru jew ifornu l-fond mikri, huma ta' min huma dawk il-hwejjeg, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi qabel ma jigi invokat dan il-privilegg, id-dritt reklamat irid jigi stabbilit, bil-kreditu jigi qabel xejn ikkanonnizat kif trid il-ligi. Illi ma hijiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti ghalhekk fil-parametri cirkoskritti u ghal kollox differenti mil-forum civili tiddeciedi <u>sa fejn u meta</u> dan il-privilegg tal-*ius retentionis* japplika, iktar u iktar meta jidher illi dawn l-oggetti mertu tal-proceduri, kif *del resto* jikkontendu l-appellanti stess, jistghu ikunu jappartjenu lil terzi u mhux unikament lil parti leza, u fuq kollox meta jidher illi wiehed mid-debituri li jista' jkollu jedd fuq dawn l-oggetti salda d-debitu tieghu. Mhux biss izda lanqas ma jista' jigi determinat f'dan il-forum jekk il-valur tal-oggetti mizmuma arbitrarjament mill-appellanti jezorbitax il-kreditu pretiz minnhom fil-konfront tal-parti leza, sabiex b'hekk ir-ritenzjoni tal-oggetti kollha jista' jkun abbuziv u jezorbita dan il-jedd li jikkontendu li ghandhom. Dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi l-provi li hemm fl-atti huma wisq fjakki u li minnhom il-Qorti lanqas hija f'posizzjoni tiddetermina bil-preciz l-ammont tal-kreditu pretiz konsistenti allegatament f'arretrati ta' kera u kontijiet ta' utilitajiet marbuta mal-fond mikri u ukoll, kif inghad il-valur tal-oggetti reklamati mill-parti leza[6]. L-appellanti lanqas jixhdu sabiex iressqu 'il quddiem dawn il-pretensjonijiet minnhom vantati.  Din il-Qorti

---

[5] Torrente, Manuale di Diritto Privato (9a Ediz.), par 284, paġ. 460

[6] Invoices esebieti Dokument AP1 huwa biss fotokopja.

certament ma ghandhiex il-kompetenza tistharreg u tiddeciedi dawn il-kwistjonijiet purament ta' natura civili u kwindi l-estent li sa fih ghandu japplika il-privilegg infraskritt, iktar u iktar meta lanqas jitressqu provi mill-appellanti fir-rigward.

Illi l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma jipprevedi ebda deroga fl-applikazzjoni tieghu u dan fic-cirkostanzi meta jistghu jezistu xi drittijiet ta' natura civili spettanti lil xi wiehed mill-partijiet involuti fl-event litiguz ta' natura penali. Lanqas ma jahseb il-legislatur sabiex jaghti xi setgha specjali lil qrati ta' kompetenza penali tiddetermina jekk jezistux xi jeddijiet ta' natura civili li jistghu ixejjnu l-azzjoni penali. Dak li irid jigi determinat huwa jekk l-awtur tar-reat, b'ezercizzju ta' xi dritt li jippretendi illi ghandu, ikunx eroga ghalih innifsu poteri mhollija unikament lil awtoritajiet gudizzjarji sabiex jigu determinati jeddijiet ta' natura civili ezistenti bejn il-partijiet. Dak li kellhom jaghmlu allura l-appellanti, jekk deherilhom li ghandhom dan id-dritt li issa qed jigi minnhom invokat, huwa li jmexxu 'il quddiem bil-hrug ta' mandati relattivi segwiet bi proceduri civili appoziti ghal kanonizzazzjoni tal-kreditu minnhom spettanti skont il-ligi, kreditu li *del resto* lanqas jista' jigi determinat minn din il-Qorti li minnu jista' jitwieled il-privilegg *superinvectis et illatis* riklamat. Kwindi l-appellanti lanqas hawnhekk ma ghandhom ragun fl-aggravju minnhom intentat.

Illi finalment l-appellanti jilmentaw illi huma gew imharrka erronjament stante illi l-oggetti mertu ta' dan il-kaz gew mizmuma mis-socjeta minnhom rapprezentata u mhux minnhom personalment sabiex b'hekk l-att materjali tar-reat ma giex minnhom kommessa fil-kwalita' li fiha huma gew imharrka. Illi l-Qorti lanqas hawn ma tista' taqbel mal-appellanti u dan ghaliex huwa ndubitat illi l-parti leza kemm il-darba kellem lilhom personali u fl-ebda hin l-appellanti ma specifikaw illi ir-ritenzjoni tal-oggetti u sahansitra l-uzu ta'l-istess wara li dawn gew mehuda minnhom, sar minn xi socjeta kummercjali u mhux minnhom personali. Illi kif diga' inghad, lanqas iressqu ebda prova l-appellanti sabiex jippruvaw illi ir-ritenzjoni tal-oggetti mertu ta'l-kaz huwa

marbuta ma' xi pretenzjoni ta' dritt reklamat minn xi socejta kummercjali, kif lanqas iressqu provi dwar l-esistenza ta' xi socjeta kummercjali li taghha huma xi azzjonisti jew diretturi u kwindi din il-Qorti, u lanqas l-Ewwel Qorti qabilha ma hija mistennija tistrieh fil-gudizzju taghha fuq xi kongetturi. Dan kellu jigi minnhom ippruvat sal-grad rikjest fil-ligi u cioe' sal-grad tal-probabbi, haga li jibqghu ma jaghmlux. Illi fuq kollox mill-affidavit ipprezentat minn WPS 254 Janice Giordmaina jirrizulta illi l-appellanti stqarrew maghha illi kienu huma li zammew l-affarijiet minghajr ma ndikaw li kienu qed jirrapprezentaw xi socjeta kummercjali. Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jigi rigettat.

Illi allura fid-dawl ta' dawn il-fatti probatorji u tal-gurisprudenza u principji ta' dritt li jemanu mill-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, u minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe dritt civili naxxenti minn dawn il-fatti, l-aggravji tal-appellant ma jisthoqqilhomx akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha, bid-drittijiet civili spettanti lil partijiet jibqghu impregudikati b'din id-decizjoni. Iz-zmien moghti fis-sentenza appellata fit-termini tal-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

Edwina Grima
Imhallef